~~kull darba li rfisna f'waħda minnhom. U joqgħodu bil-qegħda fl-art, jisimgħu l-kelma ta' Muħammed il-Profeta t'Allâh il-Wieħed. Mis-saqaf, imdendla mijiet ta' lampi tondi. Meta l-għassies xegħelhomlna, bqajna miblugħa l-koll bil-ġmiel.~~

~~Minn barra dil-Moskija ma hix anqas sabiħa u mpressjonanti milli hi minn ġewwa. It-tond tal-koppla magħluq bejn erba' minareti, minn mnejn l-imwedden isejjaħ lil Misilmîn ħames darbiet kull jûm għat-tislija, jew talb, fil-għôdu kmieni, f'nofs inhâr, fil-għâsar, ma' nżûl ix-xemx, u wara, huwa xbieha ħajja tal-ġmiel tal-arkitettura Misilma fl-aħjar tagħha.~~

~~Ma' dwar dawn il-Moskijiet, tista' tgħîd li hemm miġbura l-Kajr medjevâli: toroq dojjoq, ħwienet bi rfus, tfâl jgħajjtu, nisa bil-velu, oħrajn liebsin bħall-Ewropej. Minn jaqra l-gazzetti tal-jûm, oħrajn jitmasħnu fuq il-pulîtka. Aħna ħbatna hemm l-għada tal-elezzjoni, meta Nâser inħatar bħala President tal-Eġittu, għażla li kellha ġġib taqlîb kbîr fil-pulîtka tal-Lvant.~~

~~Il-għâda, fil-għodu, fit-8.30, tlaqna lejn Lixandra, u wasalna hemm fil-11.30. Morna naraw fuq-fuq il-Museum u l-kolonna twîla-twîla, u minn hemm għal fuq il-vapur *Esperia*, għal Bejrût. Hekk temmejna ż-żjâra lill-Eġittu. Darba oħra nitħaddtu fuq is-Sinaj, li kellha wsiq x'taqsam mal-ġrajja tal-pôplu t'Alla. Għax hawn tnissel, u sâr ġens għalih, u sofra u rebaħ.~~

~~DUN KARM SANT.~~

# GESU KRISTU FIL-QORAN

Taf x'inhu l-Qorân? Il-Qorân huwa l-ktieb Imqaddes tad-Din tal-Misilmîn; jew bil-Malti ta' kafkaf: il-Qorân hu l-ktieb tal-Liġi t'Alla tat-Torok. Imma jekk trid taf xi ħâġa aħjar x'inhuwa, f'dan il-Qari ktibna fuqu. Tista' tara hemmhekk (1).

Il-Qorân kitbu wieħed Għarbi jismu Muħammed, dak li l-Misilmin jgħodduh bħala l-aqwa Profeta tagħhom; u kitbu wara s-sena 622 jiġifieri meta n-naħa tax-Xerq — Turkija, Surija, Palestina u Għarabja — kien hemm għadd kbir ta' Nsâra, u Muħammed kien jagħmilha magħhom, qabel ma kiteb il-ktieb tiegħu, il-Qorân. U kien ukoll rabba bħal ibnu tifel Nisrâni, jismu Żejd; għad li dan wara qaleb Mislem ukoll, min jaf kemm kien isemmi fuq Ġesù, l-imgħallem tad-Din Nisrâni, ta' missieru. Għalhekk Muħammed fil-ktieb tal-Qorân, semmieh kemm-il darba lil Ġesù, u lil Mirjam, Ommu, jiġifieri l-Madonna, u faħħarhom mhux ftit. Fuq x'kiteb fuq il-Madonna xandarnieh f'dan il-Qari. (2) Did-darba sa naraw x'kiteb Muhammed fuq Ġesù. Ma hemmx wisq miktub fuqu: fil-Qorân kollu hemm xi ftit anqas minn wieħed u nofs fil-mija, mill-kliem kollu li fih il-ktieb.

Għedna li dak li kien jaf Muħammed fuq Ġesù kien semgħu minn għand l-Insâra. U l-Insâra kienu jafuh biċċa mill-kotba tal-Evanġelju li jinqraw fil-knisja llum (l-Evanġelji Kanonki), u biċċa minn Evanġelji oħrajn li jgħidulhom Apôkrifi, li jsemmu fuq it-tfulija ta' Ġesù, u li minnhom Muħammed kiteb il-ġrajja tal-għasfur tat-tafal, li Ġesù Bambin nefaħ fuqu u għamlu ħaj. Minn dak li hemm miktub fil-Qorân il-Misilmin

ħadu l-ħjiel fuq x'inhu Ġesù u x'ħidma ħadem fid-dinja; naraw mela fehmithom fuqu x'inhi.

*Il-Ħidma ta' Ġesù* — il-qofol tat-tagħlim tal-ktieb tal-Qorân huwa: li hemm Alla Wieħed; li n-nies tad-dinja jinfirdu fi tnejn: dawk li jemmnu b'dan Alla, u dawk li ma jemmnux. Li fl-aħħar tad-dinja l-imwiet kollha għandhom iqumu, u jsir il-ħaqq għalihom; u dawk li jemmnu jmorru l-ġenna, u dawk li ma jemmnux, imorru fin-nar, għal dejjem. Fost dawk li bagħat Alla, bħal Nuh, Abrahâm u Mosè u l-Profeti, Ġesù jistħoqqlu l-akbar ġih minn għand il-Misilmin għax huwa ħabbar il-miġja ta' Muhammed (3).

Dan ma jaqbilx mat-twemmin tal-Insâra. It-twemmin tal-Insâra huwa dan: li Alla ħalaq l-Univers u lil Adam għall-imħabba li għandu, biex ikun hemm min jitħenna miegħu. Wara li Adam kiser raj Alla, Alla ma telaqx lilu u lill-uliedu, jiġifieri lil dawk li ħalaq, imma baqa' jieħu ħsiebhom u jgħallimhom bil-qajl u bis-sabar li Hu kien Alla wieħed u li kellu jiġi żmien meta jeħlishom mill-jasar tal-għadu tagħhom u mid-dnub, billi jibgħat fid-dinja lill-Iben Tiegħu Waħdâni, li jagħmilhom werrieta tal-hena ta' dejjem, bħalu bis-saħħa tat-Twemmin fih u d-dħul fix-Xirka li jgħidulha l-Knisja.

Kif jgħid il-Qorân, Ġesù twieled minn Marija l-aktar Xebba safja fost bniet Adam, u biex tnissel Ġesù indaħal Alla n-Nifsu, għalhekk twelidu fid-dinja ma kienx bħal twelid in-nies l-oħra. L-aħbar tal-Anġlu lil Marija qegħda wkoll fil-Qorân, u tixbah lil ġrajja kif tinsab fl-Evanġelju ta' San Luqa. Fuq il-ħidma ta' Ġesù Muhammed fil-Qorân kiteb li l-Anġlu lil Marija Ommu qalilha hekk: *Alla jgħallmu l-Ktieb, u l-Għerf, u t-Torâ u l-Evanġelju, u jibgħatu b'Rasûl tiegħu lill-ulied Israêl, li lilhom jgħidilhom: "Jiena nġibilkom għeliema minn Sidkom. Ara li jiena naħalqilkom mit-tafal sura ta' għasfur imbagħad nonfoh fuqu, u bil-ħalla t'Alla il-għasfur isir ħaj. U nfejjaq wkoll, bil- ħalla t'Alla lil-għama mit-twelid, u l-imġiddem, u nqajjem il-mejtin, u ngħidilkom ukoll dak li tieklu u dak li taħżnu fi djarkom. F'dan kollu jkun għeliema għalikom, jekk temmnu* (4).

Kif nemmnu aħna l-Insara, Ġesù ma hux biss il-Mirsul minn Alla, wieħed fost ħafna oħrajn, imma wkoll l-Iben Tiegħu Waħdani. L-egħlimiet li jwettqu li l-ħidma Tiegħu hija tas-sew minn Alla, m'humiex wisq l-egħġubijiet li għamel, imma l-għemil ta' mħabba, ta' Bniedem-Alla, li bis-saħħa ta' dik l-imħabba, nifhmu x'inhu dak Alla li ma jidherx, li Hu l-Imħabba Nfisha.

Il-Qorân jgħid ukoll li Ġesù fisser il-Liġi bil-ħlewwa. Dan hu l-kliem: *Jien ġejt inwettaq dik it-Torâ li kienet imnebbħa qabli, u biex nistqarrilkom li jistgħu jsiru xi ħwejjeġ li qabel kienu mimnugħa* (5). Tassew li t-tbaxxir ta' Ġesù kien it-taħfîf tal-Liġi l-Qadima, u t-tnebbih tal-imħabba t'Alla; u xi jrid Huwa mill-bnedmin, biex ikunu mistħoqqin lilu li Huwa ħanin u temmi.

Miktub fil-Qorân li Alla juri li lil Ġesù bagħtu Huwa, u l-bxâra tiegħu tkun stedina biex in-nies jagħrfu li Alla huwa wieħed: ... *u ġibtilkom għeliema minn għand Alla; mela, ibżgħu minn Alla u isimgħu minni. Għax Alla huwa Sid tiegħi u Sid tagħkom. Agħtuh qima. Din hija t-triq it-tajba* (6).

Hawn il-Qorân jaqbel mal-Evanġelju, għax l-Evanġelju jseddaq dik is-sejħa għal qima t'Alla; imma jrid ukoll li Ġesù jingħaraf b'Bin Alla, u daqs il-Missier.

*L-Aħħar Għâxa, Tbatija u Mewt ta' Ġesù* — Il-ġrajja tal-aħħar għâxa ta' Ġesù, fil-Qorân tinsâb imħallta mat-tkattir tal-ħobż fix-xôri ta' Betsajda u mal-inżûl tal-manna meta l-Lhud kienu ġejjin mill-Eġittu ma' Mosè. Dan hu li kiteb Muħammed fil-Qorân: *"Ja Ġesù bin Mirjam," qalu l-Appostli, "jista' s-Sid tiegħek iniżżel fuqna mejda mis-sema?" Ġesù wieġeb: "Ibżgħu minn Alla u emmnu". U l-Appostli qalu: "Aħna rridu nieklu minn din il-mejda u li qalbna tissaħħaħ, u nkunu nafu li int emîn magħna, u ngħidu hekk lill-ħadd ieħor!" U qal Ġesù bin Mirjam: "Ja Alla tiegħi, ja Sid tiegħi niżżel fuqna mejda mis-sema, li tkun għalina għors, għall-ewwel wieħed fostna u għall-aħħar wieħed, li tkun għeliema li minnek tiġina; agħtina l-ħniena tiegħek, int li int l-aktar wieħed tajjeb fost dawk kollha li jagħtu!" U Alla qal: "Jien inniżżilha l-mejda fuqkom; min, wara din il-ħniena ma jkunx irid jemmen, ngħaddbu b'tagħdîb li ma ngħaddeb lil ħadd bħalu, minn kemm nies hawn fid-dinja* (7).

Il-fissiera tal-Qorân isieħbu l-aħħar għâxa ta' Ġesù mal-agonija fil- Ġetsemni. Kif jgħidu huma, Ġesù, malli għaraf li kien wasal fl-aħħar ta' ħajtu fid-dinja, talab lill-Appostli li joqogħdu miegħu fil-ferħ tal-għâxa tal-aħħar u fit-talba biex titbiegħed minnu dik is-siegħa. Qalilhom Ġesù lill-Appostli: "Xogħol b'xogħol. Jien naħslilkom idejkom qabel l-ikel, u intom itolbu għalija". Dan ma jaqbilx mal-Evanġelju. San Ġwann jgħid (8) li t-tkattîr tal-ħobż kien għal ħniena li ħass Ġesù minn dik il-ġemgħa ta' nies li kellu miegħu. Ġesù wara jħaqqaq li l-ħobż tassew hu dak li jinżel mis-sema. Meta l-Appostli, wara, jsemmu l-aħħar għâxa, isemmu li kienet tas-sew bħala ikla tal-aħwa, imma li fiha Ġesù waqqaf l-Ewkaristija. Ma jgħidux li qabbad lill-Appostli li jitolbu għalih biex Alla jdum ftit ieħor ma jieħdu għandu. Fl-Evanġelju miktub, wara l-għaxa, kif Ġesù kellu t-taqbida mal-ġarrâb, jew ix-xitan fil-ġnien tal-Ġetsemni li ġarrbu biex ma jagħmelx ir-raj tal-Missier li kien bagħtu.

It-tbatija u l-mewt ta' Ġesù fuq is-salib, il-Qorân jiċħadha, bħala ħaġa li ma tixraqx lil dak li bagħtu Alla fid-dinja. U Muħammed fil-Qoran kiteb hekk: *Il-Lhud jgħidu: "Qtilna lil Messija, Ġesù bin Mirjam, il-Ħabbâr t'Alla!" Imma fis-sewwa, u la qatluh anqas sallbuh, imma sallbu lil xi ħadd ieħor li dehrilhom quddiem għajnejhom, li jixbah lilu. B'ħaqq li ma qatluhx! Imma Alla tellgħu (s-sema) miegħu, u Alla jista' kollox u għaref.* (9). Kif ifissru xi mgħallmin Misilmin, Alla tagħa lil Ġuda ix-xbieha ta' Ġesù, għalhekk dak li ssallab kien il-għalim il-ħażin u qarrieq, minn bdiel Ġesù, li huwa kien qarraq.

*Id-Divinita' Ta' Ġesù* — Issa naraw xi ħjiel jagħti l-Qorân fuq il-Persuna ta' Ġesù. Fuq dan ngħidu li xi kliem li fih miktub, jista' jkun milqugħ bħal tajjeb. *"Jiena hu l-qaddej t'Alla,"* jgħid Ġesù. *"Tani l-Ktieb u għamilni Profeta. Ried li nkun imbierek kull imkien fejn inkun ninsab. Amarni li nselli u nagħti l-ħajr sa kemm indum ħaj u li nkun twajjeb ma Ommi"* (10). Imma xi kliem ieħor ma jistax jittieħed b'taj-

jeb għal kollox, bħal meta hemm miktub: *"Ġesù ma hux ħlief qaddej, li aħna għanejnieh bit-tifħir tagħna, u li nuruh b'mera lil ulied Israêl* (12).

Muħammed fil-Qorân jeħodha mal-Insâra għax lil Ġesù għamluh bħal Alla, waqt li Hu nnifsu ma weriex ruħu lil ulied Adâm ħlief bħala Rasûl jew Mibgħut minn Alla. *Tgħid jaqbel li l-Bniedem li lilu Alla tagħa l-Ktieb u l-Għerf u l-Għotja tat-Tbaxxîr, jgħid lin-nies: "Agħtu qîma lili fil-ħin li tagħtu qîma 'l Alla"? — Le; imma qisu li tagħtu qîma 'l Alla, għax intom tagħrfu l-Ktieb u tgħallmu fuqu* (12).

Imbagħad hemm dak il-kliem l-ieħor li Alla isaqsi lil Ġesù u Ġesù jwieġeb u jaħmi għalih innifsu: *U meta Alla qal: "Ja Ġesù bin Mirjam int kont li għedt lin-nies: 'Għoddu lili u l-Ommi bħala Allat, barra minn Alla?' U wieġeb Ġesù: "Sebħ ikun lilek; Kif jista' jkun qatt li jien, ngħid dak li ma għandix il-jedd li ngħidu? Kieku għedtu jien kieku Int kont tkun tafu; Int taf kollox x'jinsab fil-ġewwieni tiegħi, u jien ma nafx x'jinsab fil-ġewwieni tiegħek. Int waħdek Hu l-egħmîq, li jagħraf il-moħbiet kollha"* (13).

Fil-Qorân hemm taħwida fuq dan, għax Marija Omm Ġesù hija wkoll maħsuba Ruħ il-Qodos, waħda mit-Tliet Irjus, jew *Persuni* tat-Tletija Mqaddsa, jew *Trinita'*. U din il-fehma sefet ta' xkiel kbir biex il-Misilmin ma jifhmux id-Din Nisrâni. B'dan kollu jidher li f'qalb Muħammed hemm bħal xewqa u mħabba lejn id-Djiena Nisranija li donnhom bibien miftuħa għal dawk li kellhom jiġu warajh. Ara dal-kliem sabiħ li kiteb fil-Qorân: *Kieku Alla kellu Iben nkun jien l-ewwel wieħed li nagħtih qima!* (14).

* * *

Dak li jonqos lil Misilmin biex jemmnu bi Kristu sewwa, hu tagħlim sħiħ u ta' reqqa tal-Evanġelju.

Jekk niltaqgħu fit-triq ma' wieħed ħaddiem sejjer għax-xogħol, nistgħu nagħmlu xi ħjiel fuq ħajtu imma jekk inkunu nafu f'hiex jaħdem, fejn hi d-dar tiegħu, u min huma martu u wliedu; u jekk nibdew immorru għandu u nsiru ħbieb, inkunu nafu sewwa dak li huwa, u dak li middehra tiegħu biss qatt ma konna nobsru. Hekk għal Misilmin mhux biżżejjed il-ftit kliem fuq Ġesù li jinsab fil-Qorân, biex jistgħu jifhmu sewwa Ġesù x'kien ta' bilħaqq, u għal fejn ġie fid-dinja u jagħarfu l-Persuna tiegħu Divina.

**P. CARLO CORNILLE O.F.M.**

*(Dil-kitba meħuda mir-Rivista bit-Taljan: "La Terra Santa," li joħorġu l-Franġiskani f'Ġerusalem. Frar 1961, faċċata 52).*

---

(1) Ħarġa ta' Jannar-Marzu 1960, faċċata 14.

(2) Ħarġa Lulju-Sett. 1959, faċċata 92.

(3) It-taħbira msemmija fl-Evanġelju ta' San Ġwann kk. XIV, XV u XVI li Ġesù kellu jibgħat lill-egħliema tiegħu Hennej, jew Paraklet, ittieħdet mill-Misilmin li l-Hennej kien Muhammed!

(4) Qoran, Sura III, vv. 48-49. Dan il-kliem u l-kliem tal-versi l-oħra huwa meħud minn qlib Taljan, u ma hux sewwa-sew kif jinsab fil-Għarbi, imma fih xi kliem miżjud biex is-sens jiftiehem tajjeb.

(5) Sura III, v. 50.

(6) Sura III, v. 51.

(7) Sura V, vv. 112-115.

(8) K. VI, vv. 1-13.

(9) Sura IV, 157-8.

(10) Sura XIX, 31-33.

(11) Sura XI, 59.

(12) Sura III, 73.

(13) Sura V, 116.

(14) Sura XLIII, 81.